

31996D0219

L 74/25

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.3.1996

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-26 ta' Frar 1996****tikkonċerna l-konklużjoni tal-ftehim għal-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada**

(96/219/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 130m, flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi l-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada qiegħda ssegwi programmi ta' riċerki speċifiki fil-qasam ta' nteressi komuni;

Billi fuq il-bażiċi tal-esperjenzi tal-passat taħt il-kwadru ta' ftehim għal Koperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada <sup>(3)</sup>, iż-żewġ naħat esprimew xewqa li jstabbilixxu kwadru iktar formali għal-kondotta ta' kol-laborazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija;

Billi bid-Deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' April 1993, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni sabiex tinnegozja Ftehim għal Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada;

Billi bid-Deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Ġunju 1995, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni tiffirma l-Ftehim f'isem il-Komunitajiet Ewropej;

Billi l-Ftehim kien iffirmat fis-17 ta' Ġunju 1995;

Billi l-Ftehim għal-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada għandha tiġi approvata,

IDDEĊIEDEW DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Billi l-Ftehim għal-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada għandha tiġi approvata,

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Frar 1996.

*Għall-Kunsill**Il-President*

S. AGNELLI

<sup>(1)</sup> ĠU C 317, 28.11.1995, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU C 17, 22.1.1996.

<sup>(3)</sup> ĠU L 260, 24.8.1976, p. 2.